# SANCTA CATHARINA, ZURRICANORUM PATRONA

Edizzjoni Nru. 18

Novembru - Diċembru 2008 - Jannar 2009

GAZZETTA MAĦRUĠA MIS-SOĊJETÀ MUŻIKALI SANTA KATARINA V.M.,
PALAZZ ALEXANDRIA, 37, MISRAĦ REPUBBLIKA, ŻURRIEQ.
TEL. 21647826 - 21640354 - www.stcatherineband.org.mt


## IL-KELMA TAL-PRESIDENT - *Is-Sur Charles Schembri*



Il-festa ad unur il-Patruna tar-raħal tagħna Santa Katarina V.M. ta' Lixandra hija popolari ħafna kemm fil-gżejjer Maltin, kif ukoll barra minn xtutna. Din il-popolarita' tkompli tinkiseb minn sena għal oħra bl-impenn ta' kull wieħed u waħda minna, u bil-kontribuzzjonijiet li huma ta' sostenn kbir. Mingħajr din l-għajnuna finanzjarja u fuq kollox il-volontarjat tant qawwi ma nkunux nistgħu inżommu l-livell prestiġġjuż li bih sa minn dejjem ġiet iċċelebrata l-festa Titulari. Fuq dan jiena m'għandix dubju għaliex il-ġenerożita' tagħkom ma naqset qatt u ta' dan inroddilkom ħajr.

Għall-grazzja tal-ħanin Alla ċċelebrajna festa kif jixraq u ta' ġieħ lill-Patruna tagħna Santa Katrina V.M. Minkejja l-għawġ li għaddejna minnu kellna festa kompluta minn kollox bis-solennita' tal-funzjonijiet tant sbieħ li jsiru fil-knisja jilħqu l-qofol tal-festa titulari. Ikun żball kbir jekk nonqsu milli nattendu għal dawn il-funzjonijiet li tagħmel il-knisja u ma nirċevux is-sagramenti mqaddsa, għaliex b'hekk biss inkunu qiegħdin nuru l-vera devozzjoni u mħabba lejn il-Patruna tagħna Santa Katarina kif ukoll qima u glorifikazzjoni lil Alla.

Fl-okkażjoni tal-190 sena mill-wasla fostna tal-istatwa artistika ta' Santa Katarina, xogħol fl-injam tal-magħruf statwarju Marjanu Gerada, ġiet imtella' Lejla Katarinjana li laħqet is-suċċess u l-livell mixtieq. Ħajr għas-Sotto Kumitat Kultura li flimkien mas-Sotto Kumitati kollha f'armonija waħda setgħet tittella' din il-Lejla Katarinjana li kienet ta' tagħrif tant siewi fuq il-wirt li għaddewlna l-antenati tagħna. Min jaf x'ferħ u entużjażmu kellhom meta għall-ewwel darba raw din l-istatwa ta' Santa Katarina għaddejja mit-toroq taż-Żurrieq u titpoġġa għall-qima fil-knisja ddedikata lilha! Ejjew nerġgħu nattendu bi ħġarna għall-festa Liturġika tal-Patruna tagħna nhar il-25 ta' Novembru ħalli nġeddu dawn il-memorji tant sbieħ u għeżież.

Mill-ħajja tas-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina diġa' bdejna l-preparattivi ta' mużika għall-Banda Santa Katarina V.M. kif ukoll tħejjija ta' kalendarju t'attivitajiet kemm kulturali kif ukoll ta' fund raising. Nappellalkom sabiex tkomplu tattendu għal dawn l-attivitajiet għaliex bir-rispons tagħkom tkunu qed tagħtuna kull sapport. Dawn l-attivitajiet jagħtu ħajja kontinwa lis-Soċjeta' tagħna għaliex huma attivitajiet varji li żgur jilħqu l-gosti ta' ħafna minnkom. Huwa ta' mportanza li s-Soċjeta' tagħna ssib l-appoġġ sħiħ ta' kull wieħed u waħda minnkom f'dawn l-attivitajiet għaliex b'hekk jista' jintlaħaq kull livell mixtieq kif ukoll inkabbru aktar isem is-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina u l-festa titulari.



**Il-Bradella tal-Istatwa Titulari ta' Santa Katarina V.M. flimkien mal-Benefatturi Fonzu u Peppina meta żżanznet 50 sena ilu.**



# Attivitajiet organizzati mill-Każin tal-Banda Santa Katarina V.M. Żurrieq fit-tliet xhur li ġejjin

***(Dettalji fis-Sezzjonijiet rispettivi fil-gazzetta)***

| | | |
|---|---|---|
| 16/11/2008 | 2.00PM | SUNDAY AFTERNOON TEA MAS-SEZZ. ŻGĦAŻAGĦ FIL-KAŻIN |
| 21/11/2008 | 7.00PM | HIGH TEA L-KAŻIN |
| 25/11/2008 | 8.00PM | MARĊ GĦALL-FESTA LITURĠIKA TA' SANTA KATARINA V.M. |
| 30/11/2008 | 1.00PM | ŻJARA KULTURALI L-PALAZZ TAL-PRESIDENT U L-ARMERIJA |
| 30/11/2008 | 8.00PM | BANANA POWER YOUTH GATHERING FIL-KAŻIN |
| 08/12/2008 | 8.30AM | ĦARĠA TA' ĠURNATA MAS-SEZZJONI NISA |
| 13/12/2008 | 6.00PM | PARENTS' DAY TAL-ALLIEVI TAL-BANDA FIS-SALA E.DEGUARA |
| 13/12/2008 | 8.30PM | COUNTRY NIGHT FIL-KAŻIN MAS-SEZZJONI NAR |
| 17/12/2008 | 9.00AM | COFFEE MORNING IL-KAŻIN |
| 21/12/2008 | 4.00PM | PANTOMIMA TAL-MILIED MAS-SOTTO KUMITAT KULTURA |
| 21/12/2008 | 8.00PM | BANANA POWER YOUTH GATHERING FIL-KAŻIN |
| 24/12/2008 | 12.00PM | EARLY BUFFET BREAKFAST WARA L-QUDDIESA |
| 25/12/2008 | 10.00AM | DAQQ TA' CHRISTMAS CAROLS MILL-BANDA SANTA KATARINA |
| 26/12/2008 | 2.00PM | PARTY TAL-MILIED GĦAT-TFAL |
| 27/12/2008 | 8.00PM | CHRISTMAS DINNER DANCE ĠEWWA LUKANDA |
| 29/12/2008 | 2.00PM | PARTY TAL-MILIED GĦALL-ANZJANI |


## BORD EDITORJALI:

| | |
|---|---|
| Darmanin Lorna | Editriċi |
| Gatt Anna Maria | Assistenta Editriċi |
| Camilleri Moses | Kaxxier |
| Cassar Mark | Website Designer |
| Cassar Karl | Website Designer |
| Camilleri Moses | Rappreżentant Sezzjoni Armar |
| Darmanin Joey | Rappreżentant Kumitat Ċentrali |
| Farrugia Catherine | Reppreżentanta Sezzjoni Nisa |
| Farrugia Richard | Rappreżentant Kummissjoni Banda |
| Sammut Faustina | Rappreżentanta Kumitat Kultura |
| Schembri Alan | Rappreżentant Sezzjoni Nar |
| Schembri Kevin | Rappreżentant Sezzjoni Żgħażagħ |


# EDITORJAL

■ Għeżież membri, il-festa għaddiet u reġgħet magħna l-festa liturġika ta' Santa Katarina V.M. fil-25 ta' Novembru. Kellna festa tista' tgħid suċċess minn kull lat, avolja n-nuqqas ta' ħutna Fredu u Zaren kien jinħass. Festa kompluta minn kollox ibda' mill-Knisja u spiċċa fin-nar, li b'kuraġġ u determinazzjoni kbira sħabna dilettanti tan-nar ħadmu b'sagrifiċċju kbir għalihom u għall-familji tagħhom wara t-traġedja li sofrejna. Prosit lil kull min ta sehmu sabiex isem Santa Katarina V.M. patruna tagħna jibqa' jinxtered permess tal-ħidma tagħna partitarji. Proġetti meravilja sew ġewwa Palazz Alexandria, kif ukoll fl-armar tat-toroq. Prosit tassew lil kull min ikkontribwixxa sabiex inkomplu nżidu l-patrimonju artistiku tagħna Żrieraq, patrimonju li jmur lura mijiet ta' snin; snin ta' qima u devozzjoni lejn il-Patruna Santa KatarinaV.M.

Ma nistax inkompli dan il-messaġġ mingħajr ma nagħti l-kondoljanzi lill-familja Falzon għat-telfa li ġarrbu fil-mewt tas-Surmast Francis Falzon. Għas-Soċjeta' u l-Banda tagħna din hija telfa kbira għaliex Frans kien strumentali sabiex il-Banda Santa Katarina V.M. tilħaq livell għoli ħafna kemm ġewwa Malta, kif ukoll barra minn xtutna. Bniedem li ħadem bi mħabba, mpenn u umilta', u xerred kemm felaħ il-qima lejn il-Patruna tagħna Santa Katarina V.M. permezz tal-mużika. Minn taħt idejh ħarġu bandisti ta' livell, u nistgħu ngħidu li ismu ser jibqa' minqux fl-istorja tas-Soċjeta' u f'qalbna b'ittri tad-deheb.

Nixtieq nieħu spunt hawnhekk sabiex ninfurmakom għeżież qarrejja, li parti sostanzjali mill-artikli ta' din il-ħarġa kienu diġa pproċessati qabel it-tħabbira tal-mewt tas-Surmast, għalhekk jekk tinnutaw li f'ċertu artikli m'hemm l-ebda referenza għas-surmast, dan żgur mhux b'nuqqas min-naħa tal-artikolisti, iżda minħabba l-fatt li meta nkitbu ħadd ma basar x'kien sejjer jiġri. Għaldaqstant, inħass il-bżonn li ssir tislima xierqa lis-Surmast permezz ta' artiklu apposta, u hawnhekk nirringrazzja lill-President Onorarju Karmenu Zerafa għall-informazzjoni li għaddieli rigward dan.

Min-naħa tiegħi, jiena nixtieq ukoll nawgura sena ħidma u suċċessi lill-Kumitat il-ġdid tas-Soċjeta' kif ukoll lill-membri kollha tas-Sotto Kumitati, li flimkien lesti negħlbu kull diffikulta' sabiex inkomplu mexjin 'il quddiem. Insellem ukoll lill-dawk il-membri kollha li taw kontribut b'risq is-Soċjeta' fis-snin li għaddew u forsi issa ħassew li ma jistgħux ikomplu jagħtu l-istess impenn li għamlu fil-passat. Grazzi f'isem il-Bord Editorjali. Infakkarkom li kull min jixtieq kopji żejda tal-gazzetta jikkuntattjana, kif ukoll kull min jixtieq jirreklama fil-gazzetta jew jixtieq jgħaddilna xi ritratti, suġġerimenti jew artikli ta' nteress. Ibagħtu l-ittri tagħkom hekk: L-Editur, Sancta Catharina Zurricanorum Patrona, Palazz Alexandria, Misraħ Repubblika, Żurrieq. Tistgħu ukoll tikkuntattjawna permezz tal-email fuq info@stcathrerineband.org.mt Il-Bord Editorjali jixtieq fl-aħħar nett jawgura l-festa t-tajba lil kulħadd, kif ukoll il-Milied u s-Sena t-tajba. J'Alla Santa Katarina V.M. żżomm idejha fuqna sabiex ikollna sena aħjar milli għaddiet u tfarraġna fil-problemi li niltaqgħu magħhom. **VIVA SANTA KATARINA V.M. PATRUNA TAGĦNA.**

LORNA DARMANIN - **EDITRIĊI**


SEGWU L-EWWEL U L-AQWA RADJU TAL-KOMUNITA' ĠEWWA Ż-ŻURRIEQ

RADJU SANTA KATARINA

FUQ 90.6 FM

BI SKEDA VARJATA GĦALL-GOSTI TA' KULĦADD

www.stcatherineband.org.mt

IS-SIT UFFIĊJALI TAS-SOĊJETÀ MGHAMMAR B'RITRATTI U NFORMAZZJONI AĠĠORNATA KULJUM

# Avvenimenti mportanti - miġbura minn Jeremy Cachia

Fl-ewwel Ħadd ta' Settembru bħal kull sena, ż-Żurrieq ikun qed jiċċelebra l-festa titulari tiegħu ta' Santa Katarina V.M. ta' Lixandra. Bħal dejjem il-qofol tal-festi ġew iċċelebrati b'mod solenni fil-Knisja Matriċi u Arċipretali ta' Santa Katarina V.M. Minkejja li s-sena l-oħra l-ħajja tas-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina V.M. ma kinetx xi waħda feliċi, s-Soċjetà organizzat festa oħra kbira, grazzi għad-diversi kumitati fi ħdan is-Soċjetà, membri u ammiraturi tal-festa titulari. **PROSIT LIL KULĦADD.**

Nixtieq ukoll insellem lis-Surmast Francis Falzon li ħalliena fis-26 t'Ottubru 2008, u nirringrazzjah għall-wirt mużikali li ħalla lill-Banda Santa Katarina V.M., kif ukoll wirt akbar ta' bosta bandisti u allievi li għallem u llum jiffurmaw parti mill-Banda Santa Katarina V.M. Illum persważ li Francis qiegħed igawdi s-sebħ ta' Santa Katarina ħdejn Ġesù fis-sema. Nixtieq ukoll niftakar fi sħabna Zaren Barbara u Fredu Cassar li fil-15 u 26 ta' Novembru huwa l-ewwel anniversarju minn mewthom rispettivament. Il-Mulej jagħtihom il-mistrieħ ta' dejjem u jsabbar lill-familjari.

## Il-Konsagrazzjoni tal-Knisja

Il-Ħadd 26 t'Ottubru, il-Knisja Parrokjali ta' Santa Katarina V.M. iċċelebrat l-anniversarju tal-Konsagrazzjoni tagħha li kienet saret fl-1731 mill-Isqof Alpheran de Bussan. Fuq insistenza taż-Żrieraq stess, il-Knisja ġiet ikkonsagrata lil Alla l-imbierek għat-tifħir, glorja u unur ta' Santa Katarina V.M., li għaliha l-istess knisja kienet ilha ddedikata sa minn sekli qabel. F'ħajja ta' Knisja Parrokkjali, il-konsagrazzjoni ssir darba biss u b'hekk din iċ-ċelebrazzjoni hekk sollenni, il-patrunaġġ ta' Santa Katarina V.M. fuq il-parroċċa taż-Żurrieq ġie ssiġillat darba għal dejjem. L-istess Isqof Alpheran ried li ż-Żrieraq stess, ġenerazzjoni wara oħra, jibqgħu jiftakru dan l-anniversarju minn sena għal oħra. Għalhekk, kull l-aħħar Ħadd t'Ottubru, il-Knisja Parrokkjali taż-Żurrieq tiċċelebra din it-tifkira għażiża billi tinħareġ ir-relikwija ta' Santa Katarina V.M. fuq l-altar maġġur bħala xhieda ta' rabta storika u jinxtegħlu x-xemgħat quddiem is-slaleb li hemm fuq il-pilastri tal-knisja; l-istess pilastri li darba kienu ġew ikkonsagrati mill-Isqof Alpheran de Bussan.

## L-Istatwa Titulari ta' Santa Katarina V.M. (1818-2008)

Matul is-snin l-istatwa ta' Santa Katarina V.M. kompliet tissebbaħ; fl-1958 kienet iżżanżnet il-bradella tant artistika tagħha, disinn tal-magħruf skultur Emmanuel Buhagiar. Fl-1966 l-istatwa ġiet imżejna b'kuruna tad-deheb li ċ-ċerimonja tagħha saret fuq iz-zuntier tal-Knisja Parrokkjali bis-sehem tal-Banda Santa Katarina V.M. Fl-1990 l-istatwa titulari reġgħet ġiet indurata mill-ġdid mill-induratur Francis Xuereb, u l-pittur Michael Camilleri Cauchi għamel il-karnaġġjon. Is-sena ta' wara fl-1991 ġie ndurat il-pedestall mill-istess induratur Francis Xuereb. Tul dawn il-190 sena mill-miġja ta' l-istatwa titulari ta' Santa Katarina V.M. fostna; il-kapolavur ta' Marjanu Gerada, aħna d-devoti tagħha għadna nsibu l-faraġ u l-kenn tagħna quddiem din ix-xbieha għażiża u devota ta' Santa Katarina V.M. li bħala l-Patruna tagħna tkun qiegħda titlob u tidħol għalina quddiem Alla l-imbierek.



Il-Vjolin li kien idoqq Gerardu Camilleri ma' l-Orkestra Santa Katarina V.M.

## Gerardu Camilleri

F'din il-ħarġa nixtieqū nsellmu lil Gerardu Camilleri, wieħed mill-orkestranti li kien idoqq il-vjolin ma' l-Orkestra Santa Katarina V.M. u ħalliena l-Ġimgħa 23 ta' Novembru 2007 fl-eta' ta' 90 sena. Gerardu kien tgħallem il-vjolin għand is-Surmast Ferdinando Falzon fil-Każin tas-Soċjetà Mużikali Santa Katarina V.M. Hu ħareġ idoqq ta' eta' żgħira fl-1929 u baqa' jdoqq il-vjolin sal-1946. Nixtiequ nirringrazzjaw lill-familjari ta' Gerardu li silfuna l-vjolin sabiex stajna nippublikaw dan ir-ritratt.

## LAQGĦA MINN MEMBRU TAL-MUSEUM

**ISSIR LAQGĦA MINN MEMBRU TAL-MUSEUM KULL L-EWWEL ĠIMGĦA TAX-XAHAR FIS-6.30PM ĠEWWA L-KAŻIN. IL-LAQGĦA LI JMISS HIJA NHAR IL-ĠIMGĦA 5 TA' DIĊEMBRU 2008.**

## CD - FESTIVAL SBIEĦ IL-MILIED 2000

*Dan il-Milied, agħti rigal sabiħ u oriġinali lil qrabatek u rregala CD b'kanzunetti tal-Milied maħruġa mis-*
Sezzjoni Żgħażagħ Palmisti

## BANANA POWER

Palmisti Promotions are back with 2 massive events on Sunday
30th November 2008 -
21st December 2008
With Punisher, Malcolm B. & J.Joy
Same Event – Same Line Up – Same Joy

## AWGURI

**Is-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina V.M. tawgura AD MULTOS ANNOS lis-seminarista Luke Seguna li ġie ordnat Djaknu flimkien ma' seba' seminaristi oħra nhar il-Ġimgħa 31 t'Ottubru 2008. Il-Konċelebrazzjoni tmexxiet minn Mons. Arċisqof Pawl Cremona O.P. fil-Parroċċa tal-Madonna tal-Grazzja Ħaż-Żabbar.**



## Sotto Kumitat Armar

*- Moses Camilleri - Viċi Chairman*

Għeżież partitarji, il-festa għaddiet…festa kbira fejn l-eluf ta' nies li ġew jifirħu magħna setgħu japprezzaw il-livell għoli ta' kif għandek torganizza festa kompluta minn kollox. Din is-sena konna għadna qalbna muġugħa bit-telfa ta' żewġ membri fil-post tan-nar, u kien jinħass in-nuqqas tagħhom matul il-festa, iżda l-ħajja trid tkompli għaddejja.

Matul il-festa kulħadd seta' jgawdi ż-żewġ trofej ġodda li żanżanna quddiem il-knisja ; żewġ trofej meravilja b'disinn oriġinali tas-Sur Jeremy Cachia, segretarju tas-Sotto Kumitat Armar. Dawn huma parti minn proġett sħiħ t'armar għal Triq Pietru Pawl Saydon, li meta ser jitlesta ser ikun l-għaxqa ta' kulħadd. Rajna wkoll pedestall ġdid għall-Papa Gwanni XXII u żewġ pedestalli għall-anġli fi Pjazza Mattia Preti li komplew jikkumplimentaw u jsebbħu din il-pjazza. Kellna wkoll ammont ta' liedna ġdida u diversi affarijiet oħra. Minn hawn nixtieq nirringrazzja lil dawk in-nies kollha li ġew jgħinuna fl-armar u żarmar fi żmien il-festa għax bl-għajnuna tagħhom stajna naħdmu b'aktar kumdita'. Kull qatra tgħodd !

Issa li ppostjajna l-armar kollu kif għandu jkun, bdejna sena oħra ta' ħidma fuq l-armar :

- Fil-maħżen qed isir xogħol ta' tindif, manutenzjoni tal-post, ħjata ta' covers eċċ…
- Jitkompla l-proġett tat-trofej il-ġdid.
- Jitkompla x-xogħol li baqa' fuq il-pedestalli tal-Papa Ġwanni Pawlu XXII u taż-żewġ anġli.
- Jitlestew 2 siġriet tal-ħadid għal Pjazza Mattia Preti.

Kif qed taraw għandna sena xogħol mimlija. Għall-festa liturġika ta' Novembru ser narmaw il-pjazza u Strada Rjali bħas-soltu. F'dak li hu attivitajiet ta' fund raising għandna dawn li ġejjin :

- Early Buffet Breakfast wara l-quddiesa ta' nofsillejl tal-24 ta' Diċembru.
- Titkompla l-iskema ta' ġbir għat-trofej fejn kull kaxxa tiswa 50 Euro.
- Car wash fejn il-maħżen – aktar dettalji jingħataw fuq posters aktar 'il quddiem.
- Lotterija bieb bieb ta' ritratt fuq it-tila tat-Titular ta' Mattia Preti li hemm fil-knisja li jita' fil-festa.

Qabel nagħlaq nixtieq insellem mill-qalb lis-Surmast Francis Falzon u nagħti l-kondoljanzi lill-familja tiegħu. Frans kien surmast ta' ħila kbira u mingħajr daqq ta' trombi ġab il-Banda għażiża tagħna dejjem 'il quddiem. Matul iż-żmien li mexxa l-banda dejjem żamm il-banda ma' l-aħjar fost il-baned Maltin u kull fejn daqqejna dejjem ħriġna bl-unuri. Grazzi Frans u nwiegħduk li ma ninsewk qatt. Żgur li Santa Katarina li int tant kont tħobb żammitlek post għal ħdejha flimkien mal-qaddisin kollha.

## Rokna tan-Nisa

*- Catherine Farrugia*

Għeżież membri, kif intom? Qabel nibda s-Sezzjoni Nisa tixtieq tgħaddi l-kondoljanzi lill-familja tas-Surmast Francis Falzon li miet nhar il-Ħadd 26 t'Ottubru 2008. Nixtieq ngħid grazzi lis-Surmast Francis Falzon tal-ġid kbir li għamel lill-banda u kemm ħabrek biex ikompli jkabbar il-festa.

Il-festa għaddiet u m'hemm l-ebda dubju li għal darb'oħra kienet suċċess ieħor miksub mis-Soċjetà tagħna. Suċċess li nkiseb bix-xogħol dedikat li sar matul is-sena mill-Kumitat Ċentrali u s-Sotto Kumitati kollha, speċjalment mis-Sezzjoni Nisa li dħalna għall-proġett tal-purtieri u sopraporti tas-Sala Ġużeppi Gauci u s-Sala tal-Viżitaturi, li bihom komplejna sebbaħna l-Palazz Katarinjan.

Minn hawn nixtieq nrringrazzja lil dawk kollha li jattendu għall-attivitajiet tagħna għax bis-saħħa tagħhom stajna nagħmlu dan il-proġett hekk kbir. Dawn huma l-attivitajiet għal dawn it-tliet xhur li ġejjin:

- Il-Ġimgħa 21 ta' Novembru 2008 High Tea il-każin fis-7:00pm.
- It-Tnejn 8 ta' Diċembru 2008 ħarġa ta' ġurnata fejn ser nibdew billi nisimgħu quddiesa fil-Kappella tal-MUSEUM il-Blata l-Bajda u wara mmorru nieħdu xi ħaġa mill-Canifor Hotel. Nitilqu mill-venda fit-8:30am.
- L-Erbgħa 17 ta' Diċembru 2008 Coffee Morning il-każin fid-9:00am.
- Il-Ġimgħa 26 ta' Diċembru 2008 Party tat-tfal fis-2:00pm.
- It-Tnejn 29 ta' Diċembru 2008 Party tal-anzjani fis-2:00pm.

L-attivitajiet ta' Jannar inħabbruhom aktar tard, għalhekk oqogħdu attenti għall-posters. Nixtieq nawgura sena ta' ħidma lill-kumitat il-ġdid u l-festi t-tajba lil kulħadd.

## SEZZJONI ŻGĦAŻAGĦ PALMISTI

**Is-Sezzjoni Żgħażagħ Palmisti tixtieq tirringrazzja lil min b'xi mod jew ieħor offra l-għajnuna tiegħu matul is-sena li għaddiet. Filwaqt li tixtieq tawgura l-Milied u s-sena t-Tajba lis-Soċi, Partitarji u b'mod speċjali lill-membri żgħażagħ, tfakkar lil dawk kollha li għandhom bejn 18 u 30 sena li matul ix-xahar ta' Jannar, membri tal-Kumitat se jkunu qegħdin il-Każin kull nhar ta' Ħadd filgħodu sabiex tiġġedded il-menswalita' ma' l-Ewwel u l-Aqwa Sezzjoni Żgħażagħ fiż-Żurrieq**

### IL-MULEJ SEJĦILHOM BIEX JIDĦLU FIL-FERĦ MA' SANTA KATARINA V.M. GĦAL DEJJEM

| | |
|---|---|
| **Il-Il-Membru Joseph Camilleri** | **8 ta' Settembru 2008** |
| **Il-Membru Antonia Mifsud** | **4 t'Ottubru 2008** |
| **Is-Surmast Francis Falzon** | **26 t'Ottubru 2008** |
| **Il-Membru Maria Ellul** | **6 ta' Novembru** |



*Agħtihom O Mulej il-mistrieħ ta' dejjem.*



# Għalikom it-Tfal *- Anna Maria*

Kif intom? Din hija l-ewwel ħarġa tan-newsletter wara l-festa u ma nistax nikteb dawn il-ftit linji mingħajr ma ngħid prosit lil kull min ta sehmu biex il-festa tkun għal sena oħra suċċess kbir. Jien ċerta li l-ħidma għas-sena li ġejja diġa' bdiet, iżda nixtieq inħeġġiġkom biex issa tattendu għall-festi li jsiru fl-okkażjoni tal-festa liturġika ta' Santa Katarina f'Novembru.

Illum se nkompli nkellimkom dwar qaddisin li naghtaw l-isem ta' Katarina. Fil-fatt, wara lista twila ta' qaddisin, illum se nkellimkom dwar beata bl-isem ta' Kateri Tekakwitha. Il-Beata Kateri Tekakwitha twieldet fi New York fl-1656 u hija mit-tribu tal-Mohawk, tribu Indjan. Ta' erba' snin tilfet lill-ommha b'marda qerrieda, marda li laqtet lilha ukoll u ħallietha b'wiċċha sfigurat. Hi skopriet il-fidi Nisranija meta kellha madwar erbatax-il sena u damet sakemm għalqet għoxrin sena biex tgħammdet.



Sfortunatament il-membri l-oħra tat-tribu m'aċċettawhiex bħala Nisranija u kellha titlaq u tinagħqad ma' tribu ieħor fil-Kanada. Hawnhekk hi għexet ħajja ta' talb, penitenza u ħidma fost il-morda u l-anzjani. Kuljum, anke fl-eqqel tax-xitwa, kienet tmur wara l-bieb tal-knisja fl-erbgħa ta' filgħodu u toqgħod titlob barra fil-ksieħ sakemm il-knisja tiftaħ. Hi kienet devota ħafna ta' l-Ewkaristija u ta' Ġesù Kurċifiss u kienet tgħaddi sigħat twal t' adorazzjoni.

Mietet fl-eta' żgħira ħafna, t' erbgħa u għoxrin sena. Il-membri ta' tribujiet differenti kienu jsejħulha 'Ġilju'. Id-devozzjoni lejn il-Beata Kateri Tekakwitha għenet biex membri ta' tribujiet differenti resqu aktar lejn il-Knisja Kattolika u bdew ixerrdu l-Kelma t'Alla. Hija saret Beata fl-1980 u hi l-padruna ta' l-ambjent u l-ekologija. Il-festa tagħha tkun iċċelebrata fl-erbatax ta' Lulju. Kateri ħadmet biex il-Kelma t'Alla u t-tagħlim nisrani jinxtered fost nies li kienu għadhom ma jemmnux. Għall-ewwel ma laqgħuhiex, l-istess bħalma ma laqgħux lil Santa Katarina. Iżda l-qawwa tat-tagħlim Nisrani tirbaħ dejjem. Tagħlima oħra illi nieħdu hi l-bżonn li nirrispettaw dejjem aktar l-ambjent u l-ħlejjaq tan-natura. Bħal San Franġisk, il-Beata Kateri Tekakwitha ukoll irrispettat l-ambjent tant li hija kkunsidrata bħala protettriċi tal-ħolqien.

i'm lovin' it

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| S | W | B | S | D | A |
| T | A | P | I | IE | N |
| V | R | K | Ġ | X | N |
| F | J | U | R | I | I |
| A | A | I | A | L | M |
| Ħ | Z | L | Ħ | M | A |
| A | O | M | Ż | A | L |
| X | A | GĦ | R | I | I |
| I | Ċ | T | H | Ċ | Ħ |
| X | E | M | X | Ġ | GĦ |

Issa, inħeġġiġkom tieħdu sehem fil-kompetizzjoni tagħna u tibagħtu t-tweġibiet tagħkom fl-indirizz: **Għalina t-Tfal, Zurricanorum Patrona, Palazz Alexandria, Misraħ Repubblika, Żurrieq.** Fil-ħafna ittri illi għandkom, sibu seba' kelmiet li għandhom x'jaqsmu ma' l-ambjent. **Ir-rebbieħa tal-kompetizzjoni tas-17-il edizzjoni hija Marija Camilleri. Prosit!**

# Sotto Kumitat tal-Kultura *- Faustina Sammut*

Bil-għajnuna t'Alla u ta' Santa Katarina għaddiet festa oħra b'wiċċ il-ġid, inkluż it-temp. Nagħti prosit lill-Kumitat Ċentrali u lis-sotto-kumitati kollha ta' l-organizzazzjoni pefetta biex b'hekk stajna ngawdu l-festa sabiħa li kellna. Xiehda ta' dan li għidt kienu l-folol kbar ta' nies li ġew iżuruna minn barra r-raħal.

Is-sehem tagħna bħala sotto-kumitat kultura tajnieh ukoll. Eżatt wara s-suċċess tat-Tieġ Malti fiż-Żurrieq u fl-Imnarja fil-Buskett, bdejna nippreparaw għal-Lejla Katarinjana tat-28 t'Awwissu. Il-ġrajjiet u l-avvenimenti li jseħħu mal-medda tas-snin, isawru u jagħtu identita' lir-raħal jew belt li fiha jseħħu dawn il-ġrajjiet. Kellu jkun is-sotto kumitat kultura fi ħdan is-Soċjetà Mużikali Santa Katarina li jerġa' jagħti l-ħajja lil dawn l-avvenimenti biex infakkru lil ħutna Żrieraq u dak li għaddew minnu missirijietna ħafna snin ilu. Hekk ġara meta fil-Lejla Katarinjana fakkarna u għexna dawk il-mumenti sbieħ li 190 sena ilu ħassew missirijietna meta waslet il-vara artistika tal-padruna tagħna Santa Katarina fiż-Żurrieq. Kienet sorpriża kbira għal dawk preżenti fil-pjazza meta raw l-istatwa ta' Santa Katarina fil-pjazza. Kulħadd segwa fis-skiet u sema' b'attenzjoni d-dettalji ta' dan l-avveniment. Nistennew li nfakkru din il-ġrajja aktar bil-kbir meta fl-2018, jekk Alla jrid, l-istatwa tagħlaq 200 sena. Minn hawnhekk nixtieq nirringrazzja lir-re-enactors kollha li taw sehemhom.

Għax-xhur li ġejjin għandna ħafna ppreparat għalikom. Naf li bħas-soltu se tikkoperaw magħna biex flimkien nitgħallmu u nieħdu pjaċir. L-attivita' li jmiss hija żjara l-Palazz tal-President u l-Armerija l-Belt Valletta il-Ħadd 30 ta' Novembru fis-1.00pm, fejn wara mmorru nieħdu kafe'. Wara sejrin naraw pantomima tal-Milied l-Istitut Kattoliku nhar il-Ħadd 21 ta' Diċembru 2008 fl-4.00pm. Fost l-atturi hemm il-bravissimu kollega tagħna Mark Tonna. Tickets mill-Bar tal-Każin, mingħand Connie Tanti, mingħandi Faustina, inkella fuq 21689048 jew 79059028. Narawkom u l-festi t-tajba!



# Nota Amministrattiva

*- mis-Segretarju, is-Sur Joseph Darmanin*

Għeżież qarrejja ta' din il-gazzetta, din l-edizzjoni dejjem tasal daqsxejn iktar tard milli suppost u dan isir peress li wara l-festa ikun qed isir tibdil fis-Soċjetà li jwassal għal sena ġdida ta'ħidma b'risq is-Soċjetà, il-Banda tagħha, u anke għall-Patruna għażiża tagħna **SANTA KATARINA V.M.**

Wara li fid-19 t'Ottubru saret is-Seduta Ġenerali Annwali tas-Soċjetà, ġimgħa wara propju fil-25 u 26 saret l-elezzjoni tal-Kumitat Ċentrali, fejn inħatar Kumitat biex imexxi għas-sena ta' ħidma 2008-2009. Pero' din id-data żgur ser tibqa' mfakkra għas-swied ta'qalb li ġabet magħha fit-telfa tal-għażiż Surmast Francis Falzon. Kien għalhekk li s-Soċjetà onoratu bl-ikbar mod fil-funeral u anke wara bi ġranet ta' luttu tas-Soċjetà. Personalment nixtieq nirringrazzja lil kulħadd tal-għajnuna kif ukoll għas-Simpatija li ġiet murija. Minn qalbi nerġa' nwassal il-kondoljanzi lill-familjari kollha.

Intant il-Kumitat mill-ewwel beda x-xogħol; ħa ħsieb li jiġu ffurmati s-Sotto Kumitati kollha, din is-sena b'Sotto Kumitat ġdid – dak tar-Radju. U b'hekk issa s-Sotto Kumitati tas-Soċjetà huma: Banda, Nisa, Żgħażagħ, Nar, Armar, Kultura, PRO u Radju. Il-ħsieb tal-Kumitat din is-sena hu li jdur dawra mal-Każin fejn tidħol manutenzjoni u affarijiet oħra bżonnjużi. Ix-xahar ta' Novembru hu għażiż ukoll għax iwassalna għall-Festa Liturġika ta' Santa Katarina V.M. u għalhekk tistgħu issegwu l-programm f'din in-newsletter stess, fejn bħal dejjem inħeġġu 'l kulħadd biex jattendi għall-funzjonijiet reliġjużi kif ukoll esterni, tlugħ ta' bandieri u fistuni.

Diċembru bla dubju jġib miegħu il-festi sbieħ tal-Milied, u għal dan qed nippjanaw ukoll għal programm t'attivitajiet fosthom parties għat-tfal u għall-anzjani, bl-għajnuna tas-Sezzjonijiet tas-Soċjetà. Id-Dinner Dance ser isir nhar is-Sibt 27 ta' Diċembru f'Lukanda Ewlenija. Dan iż-żmien huwa żmien il-ĠABRA għas-sena l-ġdida, għalhekk minn issa nitolbukom tkunu ġenerużi. F'Diċembru/Jannar tibda titħallas il-menswalita' tas-Soċetà għas-sena 2009 għall-prezz ta'€10. Is-sena 2009 għas-Soċjeta tagħna hija sena speċjali għall-fatt li s-Soċjetà tagħlaq 145 sena mit-twaqqif tagħha; soċjetà mimlija enerġija...ħallas il-menswalita' u ingħaqad magħna fix-xogħol kbir li qed isir. L-għajnuna tiegħek tkun apprezzata ferm. Illum is-Soċjetà firxet fuq ħafna linji li żgur jolqtu l-gosti ta' kulħadd. F'isem il-President u l-Kumitat nixtieq nirringrazzja minn qalbi lil kull min jaħdem għal din is-Soċjetà u nawgura sena ta' ħidma mill-aqwa, kif ukoll Milied hieni u Sena ġdida mimlija hena, risq u barka lill-membri, partitarji, benefatturi u dawk kollha li għandhom f'qalbhom post speċjali għall-Patruna tagħna Santa Katarina V.M.

## FESTA LITURĠIKA TA' SANTA KATARINA V.M. FIL-KNISJA MATRIĊI U ARĊIPRETALI ŻURRIEQ

**Il-Ġimgħa s-Sibt u l-Ħadd 21, 22, 23 ta' Novembru 2008** – jiem ta' Tridu. Fil-5.30pm Rużarju. **Fis-6.00pm** Quddiesa, kurunella ta' Santa Katarina, Innu, Antifona, Ċelebrazzjoni Ewkaristika, bews tar-Relikwija u kant ta' l-Innu Popolari.

**It-Tnejn 24 ta' Novembru 2008** – lejlet il-Festa. **Fil-5.30pm** Translazzjoni Solenni tar-Relikwija ta' Santa Katarina u kant ta' l-Ewwel Għasar tal-Martri, Quddiesa, Ċelebrazzjoni Ewkaristika, bews tar-Relikwija u kant ta' l-Innu Popolari.

**It-Tlieta 25 ta' Novembru 2008 – Jum il-Festa.** **Fil-5.30pm** kant tat-Tieni Għasar tal-Martri. Fil-**5.45pm** tqegħid ta' kuruna tar-Rand fuq il-Monument ta' Santa Katarina f'Misraħ Repubblika mill-membri tas-Soċjetà Mużikali Santa Katarina V.M. li jibqgħu sejrin il-Knisja għall-Quddiesa Kantata. **Fis-6.00pm** Quddiesa Konċelebrata solenni bil-paniġierku mill-W.R. Dun Ġorġ Spiteri. Wara l-Quddiesa, l-istatwa ta' Santa Katarina tiġi mdawra mal-knisja, isir il-bews tar-Relikwija, Repożizzjoni tar-Relikwija, ċelebrazzjoni Ewkaristika u kant ta' l-Innu Popolari.

Lejlet u nhar il-festa jmexxi ċ-ċelebrazzjoni l-W.R. Arċipriet Dun Charles Attard. Matul il-ħamest ijiem tal-festa jieħu sehem il-Kor Parrokjali Cantate Domino li matul il-jiem tat-tridu jkun dirett minn Karmenu Zerafa, u lejlet u nhar il-festa minn Patri Anton Briffa O.F.M.Cap. Mill-21 sal-24 ta' Novembru l-orgni ser jindaqq minn Fiorella Mifsud Saydon, u nhar il-25 ta' Novembru minn Christopher Role'.

**Fit-8.00pm** il-Banda Santa Katrina V.M. tagħmel marċ minn Triq il-Kbira sa Misraħ Repubblika mmexxija mill-Assistent Surmast Mario Testa Dip.Mus. in $B^b$ Tuba, F.Mus.E.I.H.E(H.C.). X'ħin il-Banda tasal ħdejn il-Monument ta' Santa Katarina, jindaqq l-Innu Marċja "Semma' Poplu l-Vuċi Tiegħek" ta' Mro.Espedito Deguara A.Mus.L.C.M.

## SUNDAY AFTERNOON TEA

**Ma' Marisa D'Amato nhar il-Ħadd 16 ta' Novembru 2008**
**fil-Każin tal-Banda Santa Katarina V.M.**
**Organizzat mis-Sezzjoni Żgħażagħ Palmisti.**
**Biljetti mill-Bar tal-Każin jew mingħand is-Sinjura Gejta Farrugia.**



**Tagħlim u Lezzjonijiet tal-Banda**

Kull nhar ta' Sibt mit-8.30am sal-11.30a.m. – Music Teacher Josef Grech - Sezzjoni Injam.
Kull nhar ta' Tlieta mill-4.15pm sas-6.45pm – Assistent Surmast Mro. Mario Testa – Sezzjoni Ram.

## Attivitajiet tal-Banda Santa Katarina V.M.

*- Richard Farrugia*
*Chairman Kummissjoni Banda*

- **Nhar it-Tlieta 25 ta' Novembru 2008, Festa Liturġika tal-Patruna tagħna Santa Katarina V.M. Il-Banda Santa Katarina V.M. ser tagħmel marċ minn Triq il-Kbira sa Pjazza Repubbli̇ka li jibda fit-8.00pm.**
- **Nhar is-Sibt 13 ta' Diċembru 2008 ser issir il-Parents' Day tal-Allievi tal-Banda Santa Katarina V.M. Din is-serata ser issir fis-Sala Espedito Deguara fis-6.00pm.**
- **Nhar il-Milied il-Ħamis 25 ta' Diċembru 2008 il-Banda Santa Katarina V.M. ser tagħmel is-servizz ta' daqq ta' Christmas Carols. Dan is-servizz jibda fl-10.00am.**
  **Bejn il-festi tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena l-Banda Santa Katarina V.M. tmur tferraħ lir-residenti tal-Isptar St.Vincent de Paule bid-daqq tal-Christmas Carols.**

## Kelmtejn mis-Sezzjoni Nar

*- Alan Schembri - Kaxxier*

Il-Festa għaddiet, u m'hemm l-ebda dubju li għal darb'oħra kienet suċċess ieħor miksub mis-Soċjetà tagħna. Suċċess li nkiseb bix-xogħol dedikat li sar matul is-sena kollha mingħajr waqfien ta' kull sezzjoni fis-soċjeta' tagħna u ta' dan nirringrazzja lil kulħadd. Suċċess miksub ukoll grazzi għall-parteċipazzjoni tagħkom il-partitarji tal-għajnuna finanzjarja, fatt li jagħmel il-festa tagħna daqshekk popolari kemm fost iż-Żrieraq kif ukoll fost dawk kollha li jiġu minn barra r-raħal tagħna. Ma nistax ma ngħidx li għalina dan kien suċċess doppju minħabba l-fatt li komplejna bil-ħidma tagħna anke f'ċirkustanzi daqshekk diffiċli wara t-traġedja li ħakmitna f'Novembru 2007.

Issa li l-festa għadha kif għaddiet mill-ewwel bdiet il-ħidma fi ħdan is-Sezzjoni tan-Nar biex nippreparaw għall-festa li ġejja bl-ewwel okkażjoni tkun il-festa Liturġika ta' Santa Katarina V.M. ta' Novembru. Għal darb'oħra b'dispjaċir ngħid li erġajna bdejna l-ħidma tagħna fuq togħma ħażina fil-moral tagħna. Dan wara li s-Soċjeta tagħna għal darb'oħra tilfet bniedem importanti ħafna. Qed nirreferi għall-maħbub Surmast tal-Banda tagħna Mro.Francis Falzon L.(Mus.), L.C.M.; L.R.S.M. Bħal m'għamilna s-sena l-oħra, anke din id-darba rridu nagħmlu kuraġġ sabiex inkomplu nimxu u mmexxu s-Soċjetà tagħna 'l-quddiem bħal ma żgur xtaqu li jagħmlu dawk li ħallewna u jinsabu l-Ġenna fejn Santa Katarina V.M.

L-ispiża hija kbira, għaldaqstant sabiex niġbru l-fondi neċessarji reġgħu ġew pjanati għadd t'attivitajiet. Kif ħafna diġa jafu, Sibt fuq il-festa reġa' sar il-BBQ li issa sar appuntament uffiċċjali ta' kull sena. Diġa sar l-ewwel 'Country Night' għal dan l-istaġun ġewwa l-każin u sejrin jibqgħu isiru kull xahar matul ix-xitwa kollha. Ma jistax jonqos li nkomplu bit-tradizzjoni mas-snin l-imgħoddija billi norganizzaw l-ikla ta' nofsinhar fl-okkażjoni tal-festa Liturġika li ser issir fil-25 ta' Novembru 2008. Ma jistax jonqos ukoll li norganizzaw 'Country Night' fil-bidu ta' Diċembru li se jsir fit-13 sabiex imbagħad l-aħħar attivita' tas-sena 2008 tkun li niltaqgħu l-każin sabiex niċċelebraw flimkien f'atmosfera tassew sabiħa tmiem is-sena 2008 u l-bidu tas-sena 2009.

Huwa ta' mportanza li s-Soċjeà tirċievi l-appoġġ ta' kull wieħed u waħda minnkom għal dawn l-attivitajiet, sabiex mhux biss nilħqu l-livell għoli li dejjem ilħaqna, iżda wkoll sabiex inkomplu nkabbru l-ġieħ li ngawdu mad-dilettanti tan-Nar kollha. Nibda nagħlaq dan il-ħsieb żgħir billi f'ismi u f'isem sħabi tas-Sotto Kumitat tan-Nar u l-membri tas-St.Catherine Fireworks Factory, nerġa' nirringrazzja lil kulħadd li b'xi mod jew ieħor ta l-kontribuzzjoni tiegħu, sabiex stajna nilħqu l-għanijiet tagħna u nheġġiġhom sabiex jerġgħu jagħmlu dan fiż-żmien li ġej.

## QUDDIESA U LAPIDA TA' TIFKIRA – Karmenu Zerafa, Pres. Onor.

**Il-Ħadd 24 t'Awwissu 2008 fis-7.00pm ġiet iċċelebrata quddiesa fil-Kappella ta' Sant'Agatha mill-Arċipriet Dun Charles Attard b'sufraġju għall-erwieħ ta' Salvu Bugeja, l-aħwa Ġużeppi u Karmenu Sammut, Angelo Camilleri, Nazzareno Barbara u Alfred Cassar li mietu bix-xogħol tan-nar. Kif intemmet il-quddiesa mxejna bir-reċita tar-rużarju fid-direzzjoni ta' Triq Ħal Far, fejn tqiegħdet irħama ġdida bir-ritratti u l-ismijiet ta' dawn ħutna Żrieraq li tilfu ħajjithom. Din l-irħama ġiet imbierka mill-Arċipriet fil-preżenza ta' familjari ta' dawn il-membri u diversi Soċi tas-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina V.M. Ix-xogħol fuq l-irħama sar mis-Sur Emmanuel Farrugia flimkien mas-Sinjuri Marco Aquilina u Katarinu Farrugia. L-irħama ġiet mogħtija mis-Sur Louis Camilleri.**

*Agħtihom O Mulej il-Mistrieħ ta' Dejjem.*



Il-Lapida li ġiet inawgurata u mbierka fl-24 ta' Awwissu 2008



# Apprezzament

## BIEX MA NINSEWH QATT IS-SURMAST FRANCIS FALZON L.(Mus.)L.C.M., L.R.S.M. 1958-2008

***Jikteb il-President Onorarju Karmenu Zerafa***

Francis Falzon twieled iż-Żurrieq nhar l-10 t'April 1958 minn Katarina nee' Bugeja u Salvatore Falzon. Huwa ġie mgħammed fil-parroċċa ta' Santa Katarina V.M. fil-15 t'April 1958 mill-Arċipriet Dun Salv Gauci, u mogħti l-ismijiet ta' Francis, Carmel u Mario. Huwa kien ir-raba' wieħed fost ħutu li huma John, Katie, Joe, Mary, Karmenu, Censu u Daniela. Fi tfulitu, Francis kien imur fil-MUSEUM għat-tagħlim tad-duttrina. Huwa kien jattendi l-Iskola Primarja ta' raħal twelidu u fil-Kulleġġ Santu Wistin tal-Pieta'.

Francis beda l-ewwel studju mużikali tiegħu fil-Każin tal-Banda Santa Katarina V.M. għand l-għalliem tal-allievi Mikelanġ Farrugia. Fl-1977 huwa beda jdoqq il-flawt mal-Banda Santa Katarina V.M. F'Diċembru 1978 Francis beda jieħu l-lezzjonijiet tat-teorija tal-mużika u d-daqq tal-pjanu għand il-Prof.Charles Zammit. F'qasir żmien huwa għadda mill-gradi tal-eżamijiet kollha tat-teorija u grade 6 fil-pjanu sakemm f'Diċembru 1982 Francis kiseb l-ewwel diploma A.(Mus.)L.C.M. Huwa kompla bi studji ogħla u f'Gunju 1985 kiseb id-diploma L.(Mus.)L.C.M. u f'Diċembru ta' l-istess sena l-L.R.S.M. Fis-sena 1985 Francis ġie magħżul Assistent Surmast tal-Banda Santa Katarina V.M. Fis-sena 1986, wara r-riżenja tas-Surmast Espedito Deguara A.(Mus.)L.C.M., huwa ġie maħtur Surmast Direttur ta' l-istess Banda.

Fl-4 ta' Marzu 1989 Francis iżżewweġ lil Pauline Scicluna minn Ħal Luqa. Iċ-ċerimonja tat-tieġ saret fil-Knisja tal-Bon Pastur Ħal Balzan. Iċ-ċelebrant tal-quddiesa kien Dun Ġwann Farrugia li niseġ l-omelija u kien assistit minn Dun Raymond Cassar. Huma kellhom żewġ ulied; Kathryn u James. Fost ix-xogħlijiet mużikali li huwa kkompona nsibu dawn: 26 marċ brijuż; 7 marċi funebri; 2 marċi sinfoniċi; tone poem "Song of the Martyrs"; Overtures – "125th Anniversary", "130th Anniversary", u "Festive Overture"; Fantasia "Fancy for Band"; Intermezzi – "Meditation", "Romance", u "Hymn of Praise"; Innu Marċ Banda Santa Katarian V.M.; Innu Marċ Sezzjoni Żgħażagħ Palmisti; "Sliem Għalik Sultana"; Oratorju "Santa Katarina ta' Lixandra"; u Antifona ta' Santa Katarina "Prudens et Vigilans".

Il-Ħadd 26 t'Ottubru 2008 tħabbret il-mewt tiegħu li ġrat fl-Isptar Boffa l-Furjana. Il-funeral sar it-Tnejn 27 t'Ottubru 2008. fis-2.00pm il-katavru nħareġ mill-Isptar Boffa u kien akkumpanjat mill-Viċi Parroku Dun Raymond Cassar, il-familjari u l-ħbieb. Fis-2.30pm beda l-korteo minn Triq Dun Ġużepp Zammit akkumpanjat mill-Banda Santa Katarina V.M. li kienet immexxija mill-Assistent Surmast Mario Testa Dip.Mus. in B$^{b}$ Tuba, F.Mus.E.I.H.E.(H.C.). It-tebut kien merfugħ mill-familjari u mill-membri tas-Soċjetà Mużikali Santa Katarina V.M. X'ħin waslu quddiem il-Każin tal-Banda Santa Katarina V.M. il-bieb ġie miftuħ, ir-reffiegħa dawru t-tebut għal ftit ħin lejn il-Każin, u ġew mitfugħa xi fjuri mill-gallarija. Komplew mexjin sa quddiem l-istatwa ta' Santa Katarina u t-tebut reġa' ġie mdawwar lejn l-istatwa. Wara l-katavru mxew il-familjari, l-Ispeaker tal-Parlament, Ministri u Membri Parlamentari, Membri mill-fergħat kollha tas-Soċjetà' Mużikali Santa Katarina V.M., rappreżentanti ta' Għaqdiet Ċiviċi u Politiċi fiż-Żurrieq, diversi Soċjetajiet Mużikali wara l-istandarti tagħhom fosthom l-Għaqda Karmelitana Banda Queen Victoria u oħrajn. Waqt li kien miexi l-korteo nħaraq salut ta' 21 murtal.

Fil-Knisja Matriċi u Arċipretali ta' Santa Katarina V.M. saret quddiesa konċelebrata mill-Arċipriet Dun Charles Attard, Dun Karm Camilleri Kappillan ta' Ħal Luqa, Dun Norman Zammit Kappillan ta' Ħad Dingli, il-Viċi Parroku Dun Raymond Cassar, Dun Nazzareno Tonna, Dun Manuel Caruana, Dun Ġwann Farrugia, Fr.John Curmi M.S.S.P., Dun Karm Busuttil, Dun Glenn Buhagiar, Dun Jonathan Farrugia, Patri Dionisju Mintoff O.F.M. u Patri Bernard Mangion O.F.M.Cap. L-ewwel Lezzjoni nqrat minn Kathryn Falzon, u t-tieni mill-President tas-Soċjetà Charles Schembri. Il-Vanġelu nqara mill-Viċi Parroku Dun Raymond Cassar. Imbagħad l-Arċipriet niseġ l-omelija. L-offerti twasslu sa l-altar minn James, Kathryn, Pauline u Katarina Falzon u Angela Farrugia. Lejn tmiem il-quddiesa l-Arċipriet irringrazzja lil kulħadd. Fl-aħħar nett l-Arċipriet bierek il-katavru u nċensah. Ha sehem il-Kor Parrokjali Cantate Domino dirett minni u l-organista kien Mro.Paul Portelli L.(Mus.)L.C.M., Dip.Mus.Sacra.

Wara l-quddiesa l-katavru nħareġ mill-knisja u ġie milqugħ b'applaws kbir. Imbagħad twassal saċ-ċimiterju San Leone mill-Viċi Parroku Dun Raymond Cassar. Waqt id-difna li saret fil-qabar tal-familja kienu preżenti l-familjari, membri tal-Kumitat Ċentrali tas-Soċjetà Mużikali Santa Katarina V.M. u oħrajn. Il-bnadar ittajru mezz'asta fuq il-każini kollha, fuq il-bini tal-Kunsill Lokali u ma' l-arbli ta' diversi djar.

Nagħti l-kondoljanzi lil martu Pauline, lil uliedhom Kathryn u James, lil ommu Katarina, lil Angela omm Pauline, lil ħutu u lill-familjari tagħhom. Agħtih O Mulej il-mistrieħ ta' dejjem, id-dawl ta' dejjem jiddi lilu, jistrieħ fis-sliem, hekk ikun.



**Il-Banda Santa Katarina V.M. takkumpanja l-funeral tas-Surmast tagħha.**

Design & Printing: Tel: 21250994/3